VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,252, 16 ta' Mejju, 2014
Taqsima B

A.L. 158 tal-2014

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET
(KAP. 35)
Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet għall-Passaporti u Viżi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, bi ftehim mal-Ministru għall-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet għall-Passaporti u Viżi, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar id-Drittijiet għall-Passaporti u Viżi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 35.24

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fil-15 ta' Mejju, 2014.

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Il-partita 13 fl-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

	Servizz	Drittijiet
		€
"13.	Għall-ħruġ ta' 'Dokument tal-Ivjaġġar', jew 'Passaport għal Stranġier' validu għal tliet snin	55.".